MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Numru. 525/2002

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Steve Testa

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Steve Testa, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 244078(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-27 ta' Gunju 2002 ghall-habta tad-9.15 ta' filghaxija dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq ta' flus u oggetti tad-deheb mill-hanut bl-ised Solid Gold Jewellery sitwat fi Triq l-Halell San Pawl il-Bahar, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-eskuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema delitt li kieku sehh kien ikun ikwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u bil-hin;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Saliba u ClaireTanti t-tnejn minn San Pawl il-Bahar u persuni ohra kontra l-volonta taghhom;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Mary Saliba u Claire Tanti jaghmlu, jhallu jsir, jew jonqsu milli jaghmlu xi haga;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommetta serq ta' LM10 ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess stabbiliment, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-hin;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuni, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess u jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu kif ukoll zamm u garr l-istess arma minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar f'post pubbliku;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a), 261(b), 261(c), 262(1)(a), 262(1)(b), 263, 267, 275, 277(b), 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikolu 88 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 261(a)(b), 262(1)(a), 262(1)(b), 263, 275, 277(b), 278, 279 tal-Kodici Kriminali;

(d) Fl-Artikoli 2, 3, 19, 26 tal-Kap. 66;
(e) Fl-Artikoli 24(2), 33(1), 29, 40 tal-Kap. 33;
(f) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-13 ta' Frar, 2003;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, hlief ghall-ahhar imputazzjoni cioe' dik ta' ricettazzjoni peress illi una volta irrizulta l-attentat ta' serq dan ir-reat minnu innifsu jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tas-7 ta' Novembru, 2002, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara kemm f'dawn il-proceduri, kif ukoll fl-Inkjesta Magisterjali, illi l-imputat kien ikkopera ferm mieghu matul l-investigazzjoni, kien irrilaxxalu stqarrija fejn kien ammetta l-involviment kollu tieghu f'dawn ir-reati u kien qallu li kien ghamel dak illi kien ghamel peress illi kien iddisprat u kellu bzonn il-flus.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-fini ta' piena l-fatt illi kemm l-Ufficjal Prosekutur, kif ukoll l-avukat difensur infurmaw lill-Qorti illi l-imputat fuq imsemmi ghandu problemi ta' natura psikologika u qieghed jircevi l-kura ghal din il-problema illi ghandu, kif ukoll il-fatt illi illum il-gurnata l-imputat ghandu impieg bhala cleaner fl-isptar Monte Carmeli.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti tara illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat ikollu x-xabla

imdendla fuq ghonqu illi jekk huwa jikkometti reat iehor allura jigi ikkundannat ukoll prigunerija ghal dawn ir-reati u ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 qeghda tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati tal-imputazzjonijiet kif diga intqal, ghall-prigunerija ta' sentejn, liema prigunerija ma ghandhiex tibda isehh jekk fi zmien erba' snin mil-lum l-imputat ma jaghmilx reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond l-Artikolu 28 B jekk huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta' erba' snin mil-lum.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 G tal-Kap. 9 u qeghda taghmel ukoll ordni ta' supervizzjoni li permezz taghha qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorverjanti Marietta Lanzon ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bl-effetti ta' din l-ordni ta' supervizzjoni skond il-Ligi.

Il-Qorti tiddikjara li qeghda minnufih tghaddi kopja ta' din l-ordni ta' supervizzjoni lill-Ufficjal Sorveljanti Marietta Lanzon.

--------------------------------TMIEM--------------------------------